# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011    Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt


## Seduta numru 51 tas-Sitt Leġislatura
## Illum it-Tlieta 13 ta’ Novembru 2012

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Possibilta’ ta’ Vakanza ta’ Uffiċċjal bħala Assistent Prinċipal fi Skala 11
5. Attivitajiet għas-sitt xhur li ġejjin
6. Żvilluppi għad-Day-Care Centre
7. Proposta ta’ ftehim ġdid mal-Green MT
8. Affarijiet Mixxellanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsilliera Maria Said u l-Kunsillier Giovann Gatt, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Kienet preżenti ukoll is-Sinjura Natasha Cassar, Uffiċċjal Eżekuttiv fl-uffiċċju ta’ l-istess Kunsill Lokali.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

1.2 dwar punt 4 : Eman Vella informa li kienu saru laqgħat ulterjuri bejn l-Universita' u d-Dipartiment tal-Artijiet dwar dan. Saru ukoll numru ta' koordinament min-naħa tal-Uffiċċju tal-Kunsill sabiex jintgħelbu l-ostakli li kien hemm fl-inqas żmien possibbli. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien qiegħed jitlob lid-Dipartiment tall-Artijiet sabiex isejħu laqgħa mal-bidwi fejn jiġi spjegat lil u lill-familja tiegħuil-proċeduri u l-offerti relatati. Din il-laqgħa għandha ssir fil-ġimgħat li ġejjin.

1.3 dwar punt 5.3 : Eman Vella informa li din il-bozza issa kienet qed tixgħel.

**2 Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Memo 35/2012 – dwar skema ta' ingagg ta' persuni bi' bżonijiet speċjali mal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien bdew jaslu applikazzjonijiet għall-post ta' Cleaner taħt din l-iskema. Ser jiġu aċċettati applikazzjonijiet li jaslu sal-aħħar ta' Novembru.

2.4 Ittra ta' informazzjoni mingħand il-Majjistral Action Group dwar il-Culinary and Craff Christmas Festival li fih ser jipparteċipa l-Kunsill.

2.5 Informazzjoni mingħand il-Kumitat Konġunt Tramuntana dwar l-allokazzjoni ta' Wardens fil-lokalita'.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa dwar id-Day Care Centre u l-fatt li kienet saret laqgħa il-ġimgħa ta' qabel. Issa kien wasal kollox (għamara, appliances, u l-kċina). Kienu ser jitwaħħlu l-vertical blinds fil-jiem li ġejjien. Is-sindku informa wkoll li kien ser jissejjes ftehmm bejn il-Minister tas-Saħħa u l-Kunsill Lokali għat-tmexxija taċ-ċentru.

Is-Sindku informa wkoll li kien ser ikun hemm bżonn ta' trasport regolari għall-membri ta' dan iċ-ċentru u għaldqastant inħass il-bzonn li jinħareġ tender għas-servizz ta' trasportazzjoni li l-Kunsill jista' jkollu bżonn minn żmien għall żmien.

3.2 Is-Sindku ressaq proposta għall-attenzjoni tal-Kunsill dwaar is-servizzi arkittettoniċi tal-proġett ta' l-Għasfura. Hu ppropona li l-perit Etienne Magri u n-nies ta' miegħu (li bħalissa jservi wkoll ta' perit tal-Kunsill) iservi wkoll fuq dan proġett. Il-proposta ġiet diskussa u kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

3.3 Dwar l-istess proġett, is-Sindku informa wkoll li wara diskussjonijiet, kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali kien ser iħallas biss għal-ispejjes tal-applikazzjoni mal-MEPA, fil-waqt li l-ispejjeż l-oħra kollha involuti kienu ser jieħdu ħsiebhom l-HSBC Foundation.

3.4 Is-Sindku informa li l-ismijiet tat-toroq proposti issa kienu ġew diskussi u approvati mill-Kumitat Għall-Ismijiet tat-Toroq u li kienu ser jiġu ppubblikati b' mod uffiċċjali fix-xhur li ġejjin.

3.5 Is-sindku informa li kienet ser titella' Wirja Artistika fil-bini tal-uffiċċju amminstrattiv, bil-ftuħ uffiċċjali nhar il-Ġimgħa 7 ta' Diċembru 2012. Din kienet ser tkun tikkonsisti f' wirja ta' piuttur tal-Imġarri Vincent Abdilla kif ukoll f' eżibizzjoni fotografika tal-istudenti tal-kors tal-fotografija li qed isir fil-bini tal-Kunsill stess. Dak in-nhar tal-ftuħ ser issir bibita fejn ser jiġu mistiedna rappreżentanti tal-għaqdiet kif ukoll mistednin oħra għall-okkazzjoni.

3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva stedina mill-ANSEK (Assoċċjazzjoni Nazzjonali Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni) biex jattendi għall-kungress ta' kull sentejn tal-UDITE (European Federation of Local Government Chief Executives), li kien ser issir fl-aħħar ta' Novembru f' Cadiz, Spanja. Is-Segretarju Eżekuttiv esprima x-xewqa tiegħu li kif kien ghamel sentejn qabel, jattendi għall-dan il-kungress peress li kien sabu ta' għajnuna fix-xogħol tiegħu. Wara konsiderazzjoni, il-Kunsill esprima li ma kienx qed jilqa' din il-proposta, kemm minħabba l-ispejjes involuti kif ukoll minħabba l-fatt li kien hemm ħafna xogħol x' jitwettaq matul il-perjodu tal-kungress.

## 4. Possibilta' ta' Vakanza ta' Uffiċċjal bħala Assistent Prinċipal fi Skala 11

4.1 Il-Kunsill kompla jiddiskuti it-talba tas-Sinjura Natasha Cassar sabiex il-Kunsill jikkonsidra li tinħareġ sejħa ta' vakanza ta' Assistent Prinċipal fi' Skala 11. Is-Segreatjru Eżekuttiv inofrma dwar laqgħat u korrispondenza li kienu saru mas-Sur Adrian Mifsud mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u qara' l-imejl ta' dan li kienet issostni li f' każ simili ikun hemm bżonn li, jekk il-Kunsill japprova din il-vakanza, ikun hemm ħtieġa li tinħareġ 'Internal Call'. Fl-imejl tiegħu is-Sur Mifsud ippropona wkoll li jiġi kkunsidrat ukoll l-iskema tat –TeleWorking f' dan il-każ partikolari.

4.2 Peress li is-Sinjura Natasha Cassar li kienet għamlet it-talba kienet preżenti għall-din is-seduta, il-Kunsillier Clayton Gauci ressaq mozzjoni sabiex is-seduta tiġi xolta biex is-Sinjura Cassar tkun tista' ssemma' ir-raġunijiet tagħha. Din il-mozzjoni inlaqgħat b' mod unanimu u għaldaqstant is-seduta ġiet xolta fis-6:44pm.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

4.3 Wara li nstemgħu l-opinjonijiet u r-raġunamenti neċċessarji, is-Senduta reġgħet ġiet imsejħa fis-7:17pm. Kien hawnhekk li l-Kunsill qabel b' mod unanimu li s-Sindku u l-Kunsilliera kienu ser jiltaqgħu b' mod informali sabiex jiddiskutu u jipproponu fis-Seduta li jmiss.

4.4 Il-Kunsill inkariga wkoll lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitlob lis-Sinjura Cassar tifformala lista ta' xogħlijiet li kienet tagħmel peress, li kif staqarret hi, uħud min dawn ma kienux fil-kompitu tagħha li tagħmilhom.

## 5. Attivitajiet għas-sitt xhur li ġejjin

5.1 Il-Kunsill iddiskuta u qabel dwar numru ta' attivitajiet li ser isiru matul ix-xhur li ġejjin. Dawn huma:

i. 7 Diċembru 2012 Ftuħ ta' Wirja Artistika fil-bini tal-Kunsill
ii. 9 Diċembru 2012 Tqassim hampers lill-persuni bi bżonnijiet speċjali
iii. l-ewwel ġimgħatejn ta' Jannar 2013 Ikla għall-istaff u kunsilliera
iv. 3 Frar 2013 Ġieħ l-Imġarr

5.2 Ġie maħtur sotto-kumitat għall-Ġieħ l-Imġarr, li hu kompost mis-Sindku Paul Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Eman Vella, is-Sinjura Mary Cauchi u l-Mro. Tonio Borg.

5.3 Ġie deċiż li l-Kunsill ma kienx ser jorganizza attivitajiet relatati maċ-ċelebrazzjonijiet tal-Karnival.

5.5 Attivitajiet oħra matul l-ewwel nofs tas-sena 2013 huma :

i. Festa Frawli – 21 ta' April 2013
ii. VE Day - il-Ħadd ta' wara it-8 ta' Mejju 2013
(quddiesa tal-mejtin u mistiedna l-banda għall-fanfara)
iii. Festival Ħidmet Missirijietna – 21 ta' Ġunju 2013

## 6. Żvilluppi għad-Day-Care Centre

6.1 Dan is-suġġett kien diġa' ġie diskuss aktar kmieni matul is-seduta, taħt punt 3.1.

## 7. Proposta ta' ftehim ġdid mal-Green MT

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

6.1 Is-Sindku informa li hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Joe Attard tal-GreenMT dwar il-ftehim il-ġdid għas-servizz ta' ġbir ta' skart riċiklabbli għas-sentejn li ġejjin. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq u qara' il-proposta ta' ftehim ġdid. Peress li kien hemm bżonn ta 'xi kjarifiki, ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa oħra l-GreenMT biex ikun hemm aktar informazzjoni.

6.2 Is-Sindku ippropona li ssir laqgħa wkoll mal-kumpanija l-oħra, l-GreenPak biex il-Kunsill ikollu żewġ offerti u jkun jista' jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed isejjaħ laqgħa mar-rappreżentanti tal-GreenPak.

8. Mixxellanji

8.1 Clayton Gauci ppropona li jsir trasport għar-residenti li kienu ser jagħmlu il-ġirja tal-President nhar il-Ħadd 2 ta' Diċembru 2012. Il-Kunsill approva u s-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu ħsieb jibbukkja dan it-trasport.

8.2 Giovann Gatt ppropona li jsir sinjal tal-limitu tal-veloċita' qabel id-dħul fil-lokalita'. Il-Kunsill approva u is-Sindku ser ikun qed jieħu ħsieb.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8 :45pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 4 ta' Diċembru fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv. Dak in-nhar ser ikunu qed jgħalqu is-sejħiet għall-offerti ukoll u l-Kunsill ser ikun qed jirċevihom u jiftaħ l-offerti.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku